# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Novembru 2021**

**Talba Nru: 473/2018 JG**
**Numru fuq il-lista: 1**

**Fast Track Logistics Co. Limited (C 69100)**

**Vs**

**David Cassar (ID 247484(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-1 ta' Ottubru 2018, permezz ta' liema, talbet lil dan it-Tribunal sabiex il-konvenut jiġi kkundannat u ordnat iħallas lill-istess soċjetá attriċi is-somma ta' sitt mija, erbgħa u tmenin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€684.40) u dan minħabba danni ikkaġunata fuq vettura kif aħjar deskritt fl-istess Avviż[1]; Ġiet ukoll eżebita dokumentazzjoni.

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra r-Risposta għat-Talba ippreżentata fl-10 ta' Ottubru 2018, permezz ta' liema, l-konvenut laqa' għal din it-Talba billi eċċepixxa n-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal, li l-konvenut ma kienx infurmat minn qabel u li s-soċjetá attriċi m'għandhiex interess ġuridiku sabiex tippromwovi din l-azzjoni peress li l-vettura ġiet trasferita, apparti li l-azzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt[2];

Ra li fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2018, l-konvenut irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu li kienet timmina u d-daħħal dubju dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal[3];

Ra x-xhieda ta' Amri Mohammed, rappreżentant tas-soċjetá attriċi li seħħet fl-14 ta' Frar 2019, flimkien mad-dokumenti hemm eżebiti[4].

Ra l-affidavit tal-konvenut, u d-dokumenti annessi[5];

Ra l-kontro-eżami tal-konvenut li seħħ fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2019[6];

Ra l-kontinwazzjoni tax-xhieda tal-konvenut, magħmula fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2019[7];

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[8];

---

[2] A fol 12
[3] A fol 19 tal-proċess.
[4] Xhieda tibda a fol 16.
[5] Nota rilevanti tinsab a fol 32 tal-proċess.
[6] Xhieda tiba a fol 55.
[7] Xhieda tibda a fol 60 tal.
[8] A fol 70 tal-proċess.

Sema' t-trattazzjoni inizjali magħmul mid-difensur tas-soċjetá attriċi wara li dan it-Tribunal kif presedut kien iddikjara l-provi tal-konvenut bħala magħluqa[9];

Ra dak reġistrat fis-seduta tal-13 ta' Lulju 2021, li wara rikors appożitu dan it-Tribunal reġa' fetaħ l-istadju tal-provi, sema' lil Amri Mohammed in kontro-eżami[10], u kif ukoll it-trattazzjoni finali[11];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi fl-ewwel lok, jiġi mfakkar, kif diġa ġie indikat hawn fuq li l-konvenut għażel li jċedi u jirrinunzja għal-ewwel eċċezzjoni li kienet qiegħda tattakka l-kompetenza ta' dan it-Tribunal[12]. Għalhekk ukoll, dan it-Tribunal sejjer jissokta sabiex iqis il-mertu.

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, x-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri. Dan qiegħed isir anke għaliex x-xhieda kollha ma ġietx

---

[9] Trattazjoni tibda a fol 76 tal-proċess.
[10] Din tibda a fol 85 tal-proċess.
[11] Din tibda a fol 90 tal-proċess.
[12] Fis-sentenza fl-ismijiet **Montaldo Insurance Agency Ltd Noe Vs Micallef Emanuel Et**, (App Ċivili 94/2005/1), deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fit-3 ta' Ottubru 2007, ġie ritenut hekk: *"Minn ezami tal-linja ta' difiza adottata mis-socjeta` assiguratrici appellanti quddiem it-Tribunal ma jirrizulta minn ebda eccezzjoni illi din issollevat l-inkompetenza, li issa qed tqajjem ghall-ewwel darba fi grad ta' appell. Dan iqieghed quddiem il-Qorti kwestjoni ta' l-istadju ta' lammissibilita` ta' eccezzjoni ritwali; Hu principju procedurali ben assodat illi meta linkompetenza, minn kwalunkwe kawza dipendenti, ma tigix eccepita in limine litis din titqies rinunzjata. Hu veru li l-gudikant ta' l-ewwel grad ghandu l-fakolta li jirrileva d'ufficio l-inkomptenza tieghu, imma la dan ma jaghmlux il-kawza tibqa' radikata quddiemu. Difatti, lanqas ma hi ammessa censura f' sede ta' appell kontra dak il-gudikant ghal dik l-inottemperanza tieghu ma' dak id-dover fakoltattiv jew dik ta' l-"indifferenza" minnu ta' l-ordinament procedurali ghal fatt. Dan ghaliex in mankanza ta' dak ir-riljev d' ufficio l-kompetenza ma tistax titqieghed in diskussjoni"*

mismugħa minn dan it-Tribunal kif issa presedut, u għalhekk qiegħed jagħmel hekk sabiex iserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda ġiet debitament mixtarra.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssegwi.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed Amri Mohammed, rappreżentant tas-soċjetá attriċi[13]. F'din ix-xhieda huwa spjega lis-soċjetá attriċi li l-konvenut kien impjegat tagħha bħala għalliem tas-skola tas-sewqan, li tiġġestixxi s-soċjetá attriċi. Qal li l-vetturi huma reġistrati fuqu. Jgħid li l-konvenut kien l-ewwel wieħed li utilizza din il-vettura. Jgħid li din l-azzjoni tikkonċerna żewġ inċidenti separati li bdew fis-sena 2017, meta l-vettura kienet għand il-konvenut. Il-vettura tinżamm għand l-għalliem. Ġie eżebit kuntratt t'impjieg. Saret referenza għal-istimi ta' ħsara. Jgħid lil-konvenut kien qallu li waqgħet xi ħaġa fuq is-saqaf tal-vettura. Dwar inċident ieħor jgħid li l-konvenut qallu li dan kien laqgħet il-karozza waqt li din kienet ipparkjata ħdejn id-dar tiegħu. Hawnhekk jgħid li huwa sewwa l-vettura. Jgħid li ma kienx għadu ħallas, sal-ħin tax-xhieda tiegħu u għalhekk kien ippreżenta biss stimi. Obbliga ruħu li jippreżenta l-irċevuti. Jispjega li l-konvenut kien telaq mix-xogħol u kien avżaħ li sejjer inaqqas mill-paga sakemm isiru ix-xogħlijiet fuq il-vettura. Jikkonferma li l-konvenut beda proċeduri kontrih fuq dan il-punt. Jgħid li huwa jrid li l-ammont jitħallas u li din l-istorja tieqaf hawn.

Illi l-istess xhud, ġie imressaq in kontro-eżami.[14] Hawnhekk jikkonferma lill-vetturi kienu assikurati *fully comprehensive*. Din il-vettura kienet assikurata hekk ukoll. Jgħid li kien hemm tliet daqqiet differenti u m'għamilx *claim* għaliex kienet tiġi erba' mitt Ewro '1 waħda. Ftit wara peró jgħid li huma x-xufiera li semmai għandhom jiftħu *claim*. Jikkonferma li wara li telaq il-konvenut, il-vettura

[13] Xhieda tibda a fol 16 tal-proċess.
[14] Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2021

baqgħet tintuża minn oħrajn, għal perjodu ta' aktar minn sena. Jikkonferma lit-tiswija ma saritx mingħand min hu kien avviċina l-ewwel.

Illi ri-eżaminat fl-istess seduta jgħid li hemm messaġġi mill-konvenut li jikkonfermaw dawn il-ħsarat. Jilmenta bil-fatt li għamel din il-kawża u li qiegħda ddum. Jgħid li huwa qallu bid-daqqiet meta ġiet ritornata. Jgħid li xufier ma jiffirmax meta jirritorna vettura, iżda jikkonferma liċ-ċavetta tħalliet għand xi rappreżentant tas-soċjetá attriċi, jekk mhux għandu.

Illi ġiet eżebita riċevuta fiskali minn ċertu Brian Vella, li ma ġiex prodott bħala xhud[15];

Ili l-konvenut xehed in eżami permezz t'affidavit[16]. Hawnhekk, jispjega li huwa kien impjegat mas-soċjetá attriċi bħala *instructor*. Kien ilu jaħdem hemm sentejn. Kien biss fl-aħħar sena li għamel użu mill-vettura in kwistjoni. Din kienet tintuża minnu biss u kienet torqod miegħu id-dar. Jgħid li kienet issir spezzjoni ta' din il-vettura minn Amri Mohammed kull ġimgħa. Qatt ma kellu inċidenti iżda xahrejn qabel ma spiċċa mill-impjieg innota li kien hemm għafsa fil-*mudguard* tal-lemin. Kien informa b'dan lid-direttur tas-soċjetá attriċi iżda dan ma kien qallu xejn. Meta mar biex jirritorna l-vettura, din ġiet spezzjonata. Għajr għal din l-għafsa l-vettura ma kellhiex danni oħra. Wara li kien telaq mix-xogħol ġie infurmat li s-soċjetà attriċi ma riditx tħallsu l-paga kollha minħabba xi danni. Saru xi proċeduri quddiem l-Awtoritá Nazzjonali tax-Xogħol dwar dan. Jgħid li wara li telaq mix-xogħol, il-vettura baqgħet tintuża min-nies oħra. Jgħid li huwa rċieva *statement* tad-danni fuq daqqiet li ma kienux jeżistu meta l-vettura kienet fil-pussess tiegħu. Ġew eżebiti numru ta' ritratti.

---

[15] Riċevuta tinsab a fol 27 tal-proċess.
[16] Dan jinsab eżebit a fol 33 tal-proċess.

Illi in kontro-eżami[17], il-konvenut ikkonferma li huwa ta *n-notice* f'Mejju. Dwar l-għafsa, jikkonferma li din saret mhux waqt il-ħin tax-xogħol u huwa sempliċiment instabet hekk filgħodu. Jikkonferma li ħadha għand is-soċjetá attriċi. Jinnega li qatt kien hemm daqqa fuq is-saqaf. Jgħid li huwa irċieva l-ewwel karta dwar dawn id-danni sitt xhur wara li telaq.

Illi l-kontro-eżami tal-konvenut tkompla f'seduta sussegwenti[18] meta ġie eżebit *employment history* tiegħu. Hawn jikkonferma li spiċċa f'Ġunju 2017. Jinnega li qatt rċieva xi forma ta' korrispondenza fuq dawn id-daqqiet. Jgħid li l-ewwel darba li sema' dwar din il-biċċa tax-xogħol tad-daqqiet kien wara li beda proċess minħabba lis-soċjetá attriċi ma riditx tħallas il-paga. Jgħid li lilu direttament peró qatt ma sar dan il-kliem. Il-kliem kien lis-soċjetá attriċi kienet sejra tħallsu meta trid.

Illi magħmul dan ir-riassunt t-Tribunal iqis utli li jissofferma ruħu dwar aspetti ġenerali li huma rilevanti ai fini tat-tfittxija għal-verità fi proċeduri ġudizzjarji ta' natura ċivili. Jibda biex jiġi imfakkar li bħala prinċipju ġenerali, min jallega irid jipprova dak hekk mqanqal minnu. Wara kollox, dan huwa biss kliem ieħor għal dak li jinsab kodifikat[19].

Illi wkoll, jrid jiġi mfakkar li parti fi proċeduri għandha tinduċi u twassal lil min huwa tenut jiġġudika sal-grad rikjest, u ċioé sal-grad taċ-ċertezza morali. Issa fil-każ odjern hemm żewġ verżjonijiet opposti. Huma ħafna l-prinċipji ġenerali, li ġew ukoll diskussi mill-Qrati tagħna dwar dan il-punt[20]. Mhux kull kunflitt

---

[17] Seduta tas-7 ta' Novembru 2019, xhieda tinsab a fol 55 tal-proċess.
[18] Seduta tat-23 ta' Jannar 2020, xhieda tibda a fol 60 tal-proċess.
[19] Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[20] Illi f'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Eucaristico Zamit vs Eustrachio Petrococchoni**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Frar 1952, fejn intqal hekk: *"Ir-relazzjoni tal-perit hi studjata, minuzjuża, u kull konklużjoni korrredata sewwa bi provi u konsiderazzjonijiet tekniċi. Hu veru li l-perit uża l-kelma probabili. Issa, hu elementari fl-*

għandu jdejjaq lil min hu msejjaħ sabiex jagħti ġudizzju finali[21]. Ukoll, huwa aċċettat li wieħed jista joqgħod ukoll fuq inferenzi li huma naturali u probabbli[22].

---

*amministrazzjonii tal-ġustizzua l-prinċipju hekk enunċjat mill-Powll "On Evidence", p. 487:- "In the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive probabilities. The tribunal must not look for more than what is called "a moral certainty"; it should not act on a mere possibility. But a large field lies between these two extremes. The whole object of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical manl and such conviction must be based upon the facts proved by express evidence and on the inferences which naturally and probably arise from them"* Illi l-istess sentenza kompliet hekk: *"Il-punt tal-Qorti hu għalhekk dan. Għalkemm il-perit uża l-kelma "probabbli" (aktarx hekk milli le), jidher ċar illi l-konvinzjoni tiegħu tammonta għal "moral certainty", bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitá, tant li qal li hu "żgur" li t-temperatura baxxa kienet il-kawża "prinċipali", u li "aktarx ma kienx hemm kawżi oħra". Kwindi l-konklużjoni tiegħu għandha titqies bħala konklużjoni li, skond il-prinċipji fuq enunċjat, kienet tkun suffiċjenti f'ġudizzju ċivili bħal dan. Vwoldiri illi, kieku l-perit kellu jimxi fuq il-prinċipju fuq espost, hu kien jgħid li kien iħoss dik il-"moral certainty", li hi effett, kif ingħad, tal-"balance of probabilities".*

[21] F'dan is-sens utli li ssir referenza, u li jiġi ċitat l-bran rilevanti b'mod globali, dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-24 ta' Novembru 1966. Issa, huwa minnu li partijiet minn dan il-bran ġie utilizzat diversi drabi mill-Qrati tagħna, iżda dan it-Tribunal iqis doveruż li, kif diġa indikat, jiċċita l-bran rilevanti kollu. Fis-sentenza intqal hekk: *" Illi huwa veru li hemm konflit kbir bejn il-verżjoni tal-attur u dik tal-konvenut iżda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu iħalli lill-Qorti f'dak li stat ta' perplessitá li minħabba fieħ ma tkunx tista tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa fuq ir-regola tal "in dubio pro reo". Il-konflitt fill-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għal li żbalji tal-perċezjonijiet tiegħu u għall passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati iridu ikunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad li "tot homines tot sententia", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għalarrieda, e.g. identita', veloċita', ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skond l-esperienza komuni, s-sensi jistgħu jitqarqu, imma għal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li ikunu setgħu ġew osservati f'periodu twil ta' snin, bħal f'dan il-kas, allura isir ċar li xi wieħed mill-kontendenti ikun ħalla l-interess u l-passjoni jelbuħ u b'hekk jabbuża mill-proċess tal-ġustizja. Meta il-kas ikun hekk il-Qorti mgħandix taqa' ċomb fuq li skappatoja tad-dubju, imma għanda teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibitlita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitá u tal prepondereanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għal konvinċiment tal-ġudikant, eċċezzjoni ta' xi każijiet gravi li mgħandhomx rassomiljanza mal-kas presenti (Formosa untrinque, P.A. 1964, konfermata fl-Appell, 22 ta'Marzu 1965). Anzi f'kasijiet bħal dawn, ikbar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra ikbar tidher il-possibilitá tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."*

[22] Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmela Borg pro et noe *vs Manager tal-Intrapriza tal-Ħalib,*** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Lulju 1981 intqal hekk: "*Illi l-Qorti tagħna, peró, fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jiddistingwu bejn il-prova li jeħtieġ li ssir fil-każ ta' kawża kriminali u l-prova li jeħtieġ li ssir f'kawża ċivili fis-sens illi fil-waqt illi f'kawża kriminali l-ħtija tal-akkużat trid tiġi pruvata "beyond reasonable doubt", f'kawża ċivili biżżejjed li ikun hemm "a moral certainty", ċertezza morali, f'moħħ il-ġudikant, iżda mhux biżżejjed li ikun hemm "a mere possibility". Din iċ-ċertezza morali għandha tigi bażata*

Illi għal dan it-Tribunal huwa ċar lis-soċjetá attriċi naqset milli twassal lill-ġudikant sedenti sa dan il-grad u in oltre', f'dan il-każ il-kunflitt jiffavorixxi lill-konvenut u dan għar-raġunijiet hawn issa imfissra.

Illi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal għandu dubji dwar il-kredibilitá tad-direttur tas-soċjetá attriċi. Dan m'huwiex qiegħed jingħad minħabba l-mod kif xehed waqt il-kontro-eżami, fejn x-xhieda saret quddiem dan it-Tribunal kif issa presedut. Dan it-Tribunal kif issa kompost ma kellux il-fakoltá jeżamina l-komportament tiegħu fl-eżami[23]. Qiegħed jingħad dan minħabba s-segwenti.

Illi waqt ix-xhieda tiegħu tal-14 ta' Frar 2019, huwa jgħid lir-riparazzjonijiet (li skond hu seħħew fl-2017) ma kienux għadu tħallsu, u obbliga ruħu li jeżebixxi l-irċevuta wara li jkun sar il-ħlas. Hekk għamel, iżda l-irċevuta rilevanti hija datata 18 ta' Novembru 2018, qabel ma xehed! Hawnhekk, id-direttur tas-soċjetá attriċi diffiċli jitwemmen, u jitfa' aktar dubbji fuq il-kredibbilitá tiegħu[24].

---

*fuq fatti pruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabbilment jemerġi minn dawn il-fatti.*

[23] F'dan is-sens issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Borg Barthet vs Carnik Construction Limited**, (App Ċiv Nru: 1431/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-13 ta' Ottubru 2008 fejn intqal hekk: *"Infatti jirrizulta li, apparti mill-affidavits inizjali, il-provi kollha nstemghu mill-gudikant li eventwalment ippronunzja is-sentenza. Konsegwentament dak il-gudikant kien f'posizzjoni ferm aktar vantaggjuza minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali sempliciment a bazi tat-traskrizzjoni xotta xotta tax-xiehda. Ghandu jigi rilevat li lewwel Qorti li tat is-sentenza setghet tosserva kontinwament matul il-gbir tal-provi l-komportament taxxhieda waqt li huma kienu qeghdin jiddeponu quddiemha. Huwa maghruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jaghti hjiel tajjeb hafna lill-gudikant, attent u ta' l-esperjenza, dwar il-veracita` o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qieghed jiddeponi. Dana l-aspett difficilment jista' jigi rifless fit-traskrizzjoni tax-xiehda izda gudikant ta' esperjenza li jkun qieghed jisma' xhud generalment ikun ghassa ghall-'body language' tax-xhud, bhal ezitazzjonijiet fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh, u movimenti li jkun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xiehda, liema indikazzjonijiet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veracita` o meno ta' dik ix-xiehda"*

[24] Tinħass il-ħtieġa li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Audrey Murphy ġja Audrey Delia Murphy vs Mark Anthony Delia,** (Ċit Nru: 665/2006), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Ġunju 2015 (mhux appellata) fejn b'awtoritá, ntqal hekk: *"Illi l-Qorti*

Illi issa, t-Tribunal huwa ben konxju li huwa m'huwiex marbut bl-aħjar prova[25]. Huwa minnu wkoll li t-Tribunal jista jitlob li ssir l-aqwa prova, iżda ċertament m'għandux ikun hu li jagħmel dak li għandha tagħmel parti f'kawża[26]. Iżda dan li għadu kemm intqal imur lil'hinn minn dan. It-Tribunal kien jispetta li din il-persuna li għamlet ix-xogħol tikkonferma liema xogħol sar, u mhux sempliċiment tiġi eżebita riċevuta li lanqas biss tindika, bl-ebda mod, liema xogħol sar. Irid dejjem ikun hemm in-ness bejn l-aġir u d-dannu. Għal dan it-Tribunal, s-soċjetá attriċi kienet totalment karenti u allura tista biss tgħid *imputet sibi.*

Illi l-istess irid jingħad dwar l-istimi li ġew preżentati. Dawn lanqas biss jindikaw għal liema vettura qegħdin jirreferu (għalkemm b'mod kurjuż, l-ammont hemm indikat jikkombaċja perfettament ma rċevuta fiskali, maħruġa sena wara, minn garaxx ieħor).

---

*tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa ddmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet."*

[25] Artikolu 9(2)(b) tal-Kapitolu 390 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Herman Rantasa et vs Kevin Buttigieg et,** (App Ċiv Nru: 614/2006/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 fejn intqal hekk: "*Ferm dan il-hsieb, din il-Qorti, ciononostante dak affermat b' mod generali kwantu ghall-"ahjar prova" bhala principju regolatur in materja ta' provi taht l-ordinament proċedurali taghna fil-Kapitolu 12, ma tistax tinjora d-disposizzjonijiet tal-ligi specjali. Senjatament, l-Artikolu 9 (2) subpara. (b) ta' l-Att V ta' l-1995 li jiddisponi li l-Gudikatur "ghandu jitgharraf b' kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jitratta."*

[26] F'dan is-sens, b'mod speċjali għal dak li jikkonċerna dan it-Tribunal, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Fallon Grech Blackman vs Lara Filletti**, (App Ċiv Nru: 474/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2004 fejn dwar dan intqal hekk: *"B'danakollu dan ma jfisserx, ukoll, illi kien hemm xi obbligu fuq it-Tribunal f'dan il-kaz li jikkonduci hu l-provi tal-partijiet."*

Illi ġie pruvat u ammess li din il-vettura ġiet utilizzata minn diversi nies wara li telaq il-konvenut. Fin-nuqqas ta' prova ċara li d-danni reklamati f'din il-proċedura huma fil-fatt naxxenti mill-kondotta tal-konvenut (u mhux ta' xi terz) dan it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba. Il-ftit provi li hemm, mingħajr lanqas forma ta' korroborazzjoni, jitfgħu dubju serju li ma ġiex debitament indirizzat.

Illi filwaqt li huwa minnu li l-konvenut jista jiġi definit bħala kustodju tal-vettura għal xi żmien, ma ntweriex lid-danni reklamati ġew ikkaġunati f'dak l-istess perjodu.

Illi min-naħa l-oħra, s-soċjetá attriċi baqgħet siekta dwar id-dokumentazzjoni li ġiet eżebita mill-konvenut, u ċioé serje ta' ritratti, bid-dati indikati, ta' nies ma din il-vettura li ma turi assolutament l-ebda dannu kif allegat[27]. Huma diversi d-dati f'dawn ir-ritratti li jirrisalu għal ftit xhur wara li l-konvenut telaq mix-xogħol. Il-vettura tidher intatta, meta d-direttur tas-soċjetá attriċi skond hu, sentejn wara ma kienx għadu ħallas.

Illi s-soċjetá attriċi ma hija konvinċenti xejn, anzi fil-fehma ta' dan it-Tribunal naqset b'mod totali milli tittanta tipprova dak allegat minnha. Irid jiġi ribadit b'saħħa li parti fi proċediment għandha toffri dawk il-provi neċessarji għal-konvinċiment tal-awtoritá ġudikanti[28].

[27] Dawn jibdew a fol 35 tal-proċess.
[28] Dwar dan, wieħed huwa mistieden jara r-riċerka estensiva u d-*dictum* enunċjat fis-sentenza riċenti ta' dan it-Tribunal diversament presedut fl-ismijiet **Norbert Caruana et vs Kuraturi Deputati Sabiex Jirrapprezentaw Lill-Assenti Joseph Busuttil U Maria Busuttil U Permezz Ta' Att Gudizzjarju Tal-15 Ta' April, 2019, Sean Busuttil [K.I. Nru.54005l], Assuma L-Atti Bhala Rapprezentant Tal-Konvenuti, Assenti Minn Dawn Il-Gzejjer,**

Illi finalment huwa minnu hu huwa indiskuss li dan it-Tribunal huwa munit b'fakultá differenti mill-Qrati ordinarji u ċioé l-obbligu li prinċipalment jaqta' t-talbiet quddiemu b'element t'ekwitá[29]. Issa, d-diskrezzjoni ekwitattiva m'għandhiex tintuża sabiex *jivvjola n-normi pożittivi tal-ġustizzja, sew proċedurali in kwantu għall-oneru tal-provi, sew sostantivi*[30]. Min-naħa l-oħra mbagħad dan il-kejl jippermetti wkoll ċertu ammont t'elastiċitá f'dak li huwa ġudizzju[31].

Illi dwar dan l-aħħar punt, huwa minnu li l-valutazzjoni ekwitattiva m'hijiex tal-istess xorta ta' dik l-ekwitá kontemplata skond il-liġi speċjali li tirregola dan it-Tribunal[32] iżda hija l-fehma ta' dan it-Tribunal li lanqas dan il-kejl ma jista jintuża sabiex jagħti affidament għat-teżi attriċi. Sabiex jasal sa hemm ikun irid jinjora kompletament l-karenza assoluta da parti tas-soċjetá attriċi kemm f'dak li

---

**Joseph Busuttil U Maria Busuttil, (Tlb Nru: 545/2018 KCX)** mogħtija fl-1 ta' Novembru 2021.

[29] Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

[30] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Martin Paul u Connie konjugi Vella vs Chris Micallef,** (Appell Ċivili Numru. 653/2008/) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010.

[31] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Assoċjazzjoni GS1 Malta vs Andrews Feeds (Malta) Limited,** (Appell Ċivili Nru: 851/2007/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Diċembru 2008.

[32] Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs John Mary Caruana,** (Appell Ċivili Nru: 266/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deċiża fl-20 ta' Novembru 2009 intqal hekk*: Distingwibilment, il-valutazzjoni ekwitativa mhix ta' l-istess xorta ta' dik l-ekwita kkontemplata taht il-Kapitolu 380 tal-ligijiet u li tikkonsenti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li jiddeciedi l-kontroversja quddiemu principalment skond dak l-istrument valutattiv. Ara Artikolu 7 (1) tieghu. Hu, invece, gudizzju rigwardanti espressament u eskluzivament il-mizura tad-danni b'mod li l-Qorti tikkompleta u timla l-vojt tal-prova preciza fuq il-kwantum bhala bonum vir, ossija b'apprezzament ekwu. Effettivament, tali apprezzament jimplika gudizzju fejn fih jittiehed konsiderazzjoni tal-qaghda konkreta tal-kaz u dan fil-prattika jfisser illi l-Qorti, filwaqt li ma thosshiex marbuta bl-istima proposta, fl-istess waqt ma tkunx lanqas tista' tinjora l-fatt accertat ta' l-ezistenza ta' l-illegalita u talpregudizzju ekonomiku soffert, u konsegwentement tghaddi biex taghmel uzu mill-precitat kriterju idoneju biex tasal ghall-komputazzjoni gusta, ossija, skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, "ghallanqas ghall-parti mill-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici appellanti";*

jikkonċerna d-dannu, l-fatt li dan seħħ mill-konvenut (fil-mument lill-vettura kienet fil-kustodja tiegħu) u kif ukoll li l-ammont reklamat huwa propjament naxxenti mill-aġir tal-istess konvenut. Dan it-Tribunal m'huwiex konvint fil-grad rikjest li jista b'xi mod iġebbed u jasal għalih. Għalhekk, lanqas dan il-kejl (ekwitattiv) m'għandu applikazzjoni fil-każ odjern[33].

Illi dan kollu wkoll jista jiġi applikat għall-għafsa li ssemmiet mill-konvenut. Jirriżulta ċar lis-soċjetá attriċi kienet ben konxja ta' dan, u fin-nuqqas ta' provi dan it-Tribunal ma jistax sempliċiment jordna li jitħallas xi ammont, meta ma hemm l-ebda indikazzjoni tiegħu u li fil-fatt dan huwa inkluż fl-ammont reklamat. It-Tribunal huwa konxju li jista jagħmel dan *ex aequoe et bono*[34] u dan ukoll bl-effet tal-massima *arbitrium boni viri*, iżda dan jista jseħħ biss jekk ikun hemm xi forma ta' prova.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jiċħad it-talba tas-soċjetá attriċi.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu interament mis-soċjetá attriċi[35].

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[33] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Middlesea Insurance et vs Waldorf Auto Services Co. Limited et**, (App Ċiv Nru: 327/2014) mogħtija mill-Qorti tal-Apell (Sede Inferjuri) nhar is-17 ta' Novembru 2017 fejn a para. 16 intqal hekk: *"...għalkemm it-Tribunal għandu jiddeċiedi l-kawżi quddiemu prinċipalment abbażi tal-ekwità, ovvjament il-kawżi quddiemu xorta għandhom jiġu deċiżi a bażi tal-provi li kull parti tkun ressqet."*

[34] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Charles Attard vs Carmela Frendo,** (523/1983/1) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Jannar 2003.

[35] Dan qiegħed jiġi deċiż hekk minħabba dak li jrid l-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.